MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2013

Numru. 719/2013

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**VS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

OMMISSIS;

Talli;

1) Nhar il- 21 ta’ Lulju 2013, ghal habta ta’ bejn it- 8.00pm u d- 9.00pm minn gewwa l- Birgu, ikkommetta serq ta’ mutur tal-ghamla Yamaha V 80 bin- numru tar-registrazzjoni FAO 763 ghad- detriment ta’ Dorianne Apap u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.40 bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kif ukoll fil-granet ta' wara, gewwa dawn il-gzejjer, saq vettura tal-ghamla Yamaha V 80 bin- numru tar-registrazzjoni FAO 763 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan sabiex isuq dik il-vettura, mahruga mill-awtoritajiet kompetenti;

3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kif ukoll fil-granet ta' wara, gewwa dawn il-gzejjer, saq vettura tal- ghamla Yamaha V 80 bin- numru tar-registrazzjoni FAO 763 minghajr ma kien kopert b' polza tal- assigurazzjoni ghal riskji ta' terzi persuni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 37, 261, 267, 270 u 271 tal- Kap 9;
l-Artikolu 15 tal- Kap 65;
l-Artikolu 3 tal- Kap 104 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna l-iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghal sena.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------